Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 540 / 2017

Il-Pulizja

(Spettur Angelo Gafa)

Vs

Ryan Borg

Illum l-20 ta' Novembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Ryan Borg detenur tal-karta tal-identita Maltija 511378 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer, fit-23 t' April 2012 jew fil-jiem ta' qabel:

1. kxift sigrieti li kienu gew fdati lilek minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghek;
2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkommunikajt jew ittentajt tikkomunika lil xi persuna ohra xi materja jew haga ohra li kienet giet ghall-attenzjoni tieghek jew li kienet fil-pussess tieghek fil-qadi ta' dmirijietek taht l-Att Dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, Kap 325 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Dicembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 33 u 38 tal-Kapitolu 325 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghall-piena tal-multa fis-somma ta` elfejn u hames mitt ewro (€2,500).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Ryan Borg, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' Dicembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkancella is-sentenza u tillibera lill-appellant minn kull htija.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huma car u manifest u fis-semplicita tieghu jikkonsisti f' dan li gej:

A. L-ebda prova ma tressqet fid-data ta' l-akkuza;

B. Interpretazzjoni zbaljata tal-ligi;

C. Il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b' mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbin ta' htija ta' l-appellant;

D. Piena

**A. L-ebda prova ma tressqet fid-data ta' l-akkuza:**

1. Illi l-artikolu 360 (1) tal-Kodici Kriminali jistipula:

(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b' ordni bil-miktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw...

2. Mill-qari ta′ dan l-artikolu johrog car li c-citazzjoni ghandha ssemmi, il-persuna mharrka u ghandu jkun fiha fil-qosor, il-fatti tal-akkuza bil-partikularitajiet ta′ zmien u tal-lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw;

3. Illi ghalhekk il-partikularitajiet ta′ zmien huwa element sine qua non u dan ghar-ragunjiet ovji: persuna akkuzata quddiem il-Qorti ghanda d-dritt li tkun taf il-partikularijatiet taz-zmien li fih allegatament kisret il-ligi sabiex hija tkun tista′ taghmel u tibni d-difiza taghha. Iz-zmien huwa ghalhekk imperattiv;

4. Illi mill-banda l-ohra il-partikularijiet taz-zmien isservi lill-prosekuzzjoni sabiex tirregola l-provi taghha li bihom tipprova li fiz-zmien indikat il-persuna akkuzata ikkommettiet reat;

5. F′ dan il-kaz, bhala partikularitajiet ta′ zmien fic-citazzjoni, il-prosekuzzjoni indikat b′ mod specifku it-23 ta′ April 2012 u fil-jiem ta′ qabel. L-appellant Ryan Borg quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, bhala punt preliminari u minghajr pregudizzju ghal mertu ta′ dan il-kaz issottometta li l-provi li ntressqu mill-prosekuzzjoni kienu kollha jindikaw data partikolari ossija it-12 ta′ April 2012 liema datata taqa′ barra mil-parametri tal-partikularitajiet taz-zmien indikat fic-citazzjoni;

6. Dan qed jintqal stante li l-appellant gie akkuzat li allegatament kixef sigriet fit-23 ta′ April 2012 jew fil-jiem ta′ qabel u mill-provi li tressqu dan l-allegat kxief sar fit-12 ta′ April 2012;

7. Illi bil-kliem ′ fil-jiem ta′ qabel′ ghandu jigi miftiehem li l-parametri tac-citazzjoni kienu imorru lura fiz-zmien sebat′ ijiem qabel it-23 ta′ April 2012 ossija sal-17 ta′ April 2012. Ghalhekk l-appellant kellu jirrispondi ghal eghmilu mis-17 sat-23 ta′ April 2012;

8. Illi din l-interpretazzjoni tal-parametri tac-citazzjoni inghatat fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: ' Il-Pulizija vs. Carmel Polidano' (App. 312/2013 DS), li giet deciza fis-26 ta' Ottubru 2016 fejn precisament l-Imhallef fis-sapjenza tieghu ghallem:

"Qabel xejn, pero'`, irid jiġi stabbilit jekk saritx prova li ntrema terrapien "fis-17 ta' Awwissu 2006 u fil-ġranet ta' qabel din id-data", kif jinsab akkużat l-appellat. Jiġi stabbilit illi l-kliem "fil-ġranet ta' qabel" ċertament jirrestrinġi l-perjodu għal mhux aktar minn ġimgħa."

9. Illi kienet l-ghazla tal-prosekuzzjoni li takkuza lill-appellant b' parametri taz-zmien specifiku u l-appellant ghandu jirrispondi biss ghal dak il-perjodu specifiku u determinat u mhux f' astrat kif donnu pretendiet l-ewwel onorabbli Qorti;

10. Fuq dan il-punt l-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehema li:

' ghandu jkun il-gudikant tal-fatt li ghandu jiddetermina jekk l-imputazzjoni hijiex wahda sostenibbli, legalment u ragonevolment a bazi tal-provi mress-qa. Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-kaz taghha skond il-ligi' ;

11. Illi bid-dovut rispett, l-appellant jaqbel li irid ikun l-gudikant tal-fatt li ghandu jiddeter-mina jekk l-imputazzjoni hijiex wahda sostenbibbli, legalment u ragonevolment a bazi tal-provi mressqa pero' l-appellant kien qieghed jitlob lill-Qorti tiddecidi jekk l-provi im-ressqa mill-prosekuzzjoni kienux jaqghu fil-parametri tal-partikularitajiet taz-zmien indi-kat fic-citazzjoni;

12. Illi l-Qorti tal-Magistrati ma hadet l-ebda decisjoni fuq din il-kwistjoni u kieku ghamlet dan, l-appellant kellu jigi illiberat stante li ma ingabet l-ebda prova li fil-parametri tac-citazzjoni l-appellant kixef xi sigriet jew kien hemm xi komunikazzjoni ta' informazzjoni ma Chris Gauci;

13. Illi l-unika ragunament fuq din l-kwistjoni tal-Qorti kienet li ' l-prosekuzzjoni rnexielha tipprova l-kaz taghha skond il-ligi' , ragunament li legalment il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tasal ghalih;

14. Illi l-appellant lanqas jista' jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti skartat ukoll t-taghlim tal-Qorti ta' l-Appell fuq kwistjoni simili ghal l-ahhar fejn il-kliem ' granet ta' qabel' gew in-terpretat li jkopri perjodu ta' gimgha! F' dan il-kaz il-kliem ' fil-jiem ta' qabel' ghandu jinghata l-istess tifsira jew interpretazzjoni! Jekk dan ma ikunx il-kaz, issegwi li l-Qorti tkun qed taghti tifsira jew interpretazzjoni estensiva ghal kliem maghzul mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni, interpretazzjoni li ma hiex permessibli fil-kamp kriminali;

15. Fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-kliem fil-kamp kriminali, il-mikbi Professur Mamo jaghlimna li:

' The Court is not bound to, indeed must not narrow down the natural and ordinary meaning of the words; but must as a general principle, accept the meaning which is consonant with the ordinary use of language, having regard to the intention of the legislature' ;

16. Fil-kaz in ezami, l-interpretazzjoni logika tal-kliem ' fil-jiem ta' qabel' hija li l-appellant ghandu jirrispondi biss ghal-sebat ijiem qabel it-23 ta' April 2012. Jekk il-prosekuzzjoni riedet takkuza f' data ohra qabel hija kellha jew tuza il-kliem ' fil-gimghat ta' qabel jew tindika perjodu determinat;

17. Illi l-ghazla tal-kliem kien tal-pulizija u mhux ta' l-appellant;

18. Illi f' dan il-kaz il-pulizija kellha d-data specifika meta allegatament sehh ir-reat u setghet facilment tindika u tinkludiha fil-partikolaritajiet ta' l-citazzjoni. Dan ma sarx u bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti l-funzjoni taghha ma hiex li taghmel tajjeb ghal lap-pazzar tal-pulziija;

19. Illi referenza jsir ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet, ' Il-Pulizija v John Mary Briffa' fejn intqal:

L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.

20. Illi f' dan il-kaz il-prosekuzzjoni lanqas indenjat ruhha titlob korrezzjoni fic-citazzjoni, dritt li kellha ghal madwar tlett snin, zmien li hija hadet biex ghalqet il-provi taghha;

21. Illi ghaldaqstant l-appellant kellu jigi liberat;

**B. Interpretazzjoni zbaljata tal-ligi;**

22. Bla preguzzju ghal dan li ntqal, jekk din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tiddeciedi li l-parametri tal-partikularitarjiet tac-citazzjoni jkopru d-data li fiha saret t-telefonata in kwistjoni, l-appellant jissottometti li legalment l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tasal ghas-sejbin ta' htija tieghu;

23. Illi kif intqal fil-bidu ta' dan l-appell, l-appellant gie akkuzat b' zewg imputazzjonijiet partikolari ossija imputazzjoni taht l-artikolu 257 tal-Kapitolu 9 u imputazzjoni taht l-artikolu 33 u 38 tal-Kapitolu 352. Qed jigi umilment sottomess li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzjoni zbaljata u inkorretta ta' dawn l-artikoli;

Artikolu 257 tal-Kodici Kriminali - Kxif ta' sigriet:

24. Illi l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali testwalment jghid:

> 257. Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is- sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati ..

24. Illi s-suggett attiv ta' dan ir-reat huwa ' kull persuna' kwalifat bin-natura ta' l-istat, professjoni jew kariga taghha' .

25. F' dan il-kaz ghalhekk il-prosekuzzjoni riedet tipprova jekk l-appellant setghatx ikun s-suggett attiv ta' dan ir-reat;

26. Illi wara dan, l-prosekuzzjoni riedet ukoll tipprova l-hinn minn kull dubju dettat mir-raguni is-segwenti:

- li ma l-appellant sar depozitu ta' sigriet;
- li dan is-sigriet kien fdat lilu;
- u li l-appellant kixef dan is-sigriet;

27. Illi dawn l-elementi huma kumjulativi u fin-nuqqas ta' wiehed minnhom dan ir-reat ma jistax jissusisti;

28. Min ghajr dubju ukoll li l-element tas-sigriet jidher li jinsab f' kull wiehed minn dawn it-tlett elementi imsemmi hawn fuq. Fil-fatt, l-ewwel Onorabbli Qorti bhala punt prelimi-nari qieset li hija ukoll riedet tiddisponi minn dak li wiehed jifhem bil-kelma ' sigriet' stante li dan kien l-bazi ta' l-akkuzi li l-appellant gie akkuzat bihom;

29. Illi skond il-Qorti tal-Magistrati minn ezami tal-Kapitolu 325, 463 u 377 tal-Ligijiet ta' Malta, imbghad qieset li t-taghrif li akkwista u ghadda l-imputat

(skond l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni) jaqa perfettament fit-tifsira ta' sigriet kif ikkontemplat fil-kapitolu 377 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 257 tal-kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta' ;

30. Illi bid-dovut rispett, l-**Artikolu 257 tal-Kapitolu 9** ma jghati l-ebda tifsira ta' ' sigriet' fil-waqt li fil-Kap 377 tal-Ligijiet ta' Malta insibu definizzjoni tal-kelma ' sigriet' taht l-arikolu 2(3) liema definizjoni skond l-istess artikolu tirreferi biss ghal taghrif li jaqa' taht xi wahda mill-kategoriji li gejjin:

(a) tagħrif li għandu jiġi meqjus sigriet taħt xi disposizzjoni speċifika ta' xi liġi;

(b) tagħrif li jkun deskritt bħala sigriet mill-persuna li tkun qed tgħaddi dak it-tagħrif lil persuna li tidħol fl- ambitu tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal; jew

(ċ) tagħrif li għandu raġonevolment jiġi meqjus bħala sigriet minħabba -

(i) iċ-ċirkostanzi li fihom dak it-tagħrif ikun mgħoddi jew ġie irċevut; u

(ii) in-natura ta' dak it-tagħrif; u

(iii) l-istat, il-professjoni jew kariga tal-persuna li tirċievi t-tagħrif, u tal-persuna li tagħti t-tagħrif, fejn hu l-każ.

31. Illi mill-qari ta' din id-definizzjoni johrog carissimu li ghal fini tal-artikolu 257 u skond l-artikolu 2(3)(b) tal-Kap 377 johrog car li taghrif jew l-informazzjoni li trid tinghata trid tkun deskritta mis-suggett passiv bhala sigriet: taghrif li jkun deskritt bhala sigriet mill-persuna li tkun qed tghaddi dak it-taghrif. Il-kelma ' deskritt' hija imperattiva;

32. Illi l-ewwel Qorti pero' ikkunsidrat li:

' t-taghrif/ informazzjoni li l-imputat kellu dwar it-tlett quotations imdahhla mal-ittra tal-5 ta' Marzu 2012 li kienet giet sottomessa mis-socjeta' Endstone Ltd (parti mill-Vivendo Group), kien gie ghandu minhabba propju l-impjiet tieghu. Din l-informazzjoni , fiha nnifisha, kienet tikkonsisti

f' sigriet ghal-imputat, impjegat kif gia intqal mal-Malta Enterprise. Il-kwalita' tas-sigriet fit-termini tal-ligi ta' tali informazzjoni hija wahda oggettiva u hija propju marbu-ta ma' independentement min minn tkun il-persuna li (kif gara f' dan il-kaz, kien Chris Gauci, li kien gia jaf x' inhuma d-dettalji tal-Quotations koncernati) tircievi dik l-informazzjoni.' ;

33. Illi l-appellant ma jaqbilx ma dan ir-ragunament u bla tlaqliq qed jigi sottomess li l-Qorti ma setghetx tasal ghal din il-konkluzzjoni b' mod legali;

34. Illi fil-fatt il-Qorti qabel xejn kellha taghmel distinzjoni bejn iz-zewg akkuzi li l-appellant kien qieghed jigi mixli bihom. It-tifsira ta' ' sigriet' taht il-Kapitolu 9 ma hiex necessar-jament l-istess tifsira taht l-Kapitolu 325;

35. Illi apparti dan s-segretezza ta' l-informazzjoni taht l-artikolu 257 hija wahda suggettiva u mhux oggettiva. Il-persuna li taghti din l-informazzjoni trid taghmilha cara li dak li se jinghad ghandu jkun sigriet;

36. Illi f' dan il-kaz Chris Gauci fl-ebda mument ma stqarr ma Ryan Borg li kien qieghed jagh-tih xi informazzjoni sigrieta;

37. Minghajr pregudizzju ghal dan, skond it-tielet u l-ahhar element ta' l-artikolu 257 johrog carrissimu li sabiex ikun hemm reita ta' dan ir-reat, irid ikun hemm terza persuna li ma tkunx taf dan is-sigiret u s-suggett attiv ikun kixef ta' dan is-sigriet maghha. Mill-qari ta dan l-artikolu irid ikun hemm minn l-inqas tlett persuni involuti; s-suggett attiv (dak li gie moghti l-informazzjoni), is-suggett passiv (dak li ta l-informazzjoni) u l-persuna li tkun irceviet l-informazzjoni. Jekk dan ma ikun xi il-kaz ma jista' jkun hemm l-ebda kxif ta' sigriet;

38. Illi jekk inti tghati l-istess informazzjoni li minn tak din l-informazzjoni ma jkun hemm l-ebda kxif ta' sigriet;

39. Issa fil-kaz in ezami, l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-informazzjoni li kien hemm fil-quotations kienet wahda sigrieta. Anzi mill-process kollox jindika li tali informazzjoni kienet wahda pubblika u dan kif stqarr fix-xhiedha tieghu Godfrey Formosa. Tant hu hekk li l-informazzjoni fuq minn kien il-beneficarju u l-ammont kienu pubbikati fuq is-sit eletroniku tal-Malta Enterprise;

40. Isir referenza ghas-sentenza ' Il-Pulizija vs Kenneth Sevasta' fejn b' mod precis gie im-plikat li l-informazzjoni li trid tinghata trid tkun wahda sigrieta; ' Illi l-Qorti ma taqbilx mad-difiza meta tghid illi l-imputat qatt ma kixef l-ebda sigriet. Is-semplici fatt li huwa kien jghid fejn kien ser ikun stazzjonat huwa fil-fatt kxif ta' sigriet ghaliex jekk in-nies ikunu jafu fejn huma l-ufficjali tal-ALE, mela dan ikun ifisser illi jistghu jikkontrollaw aktar l-affarijiet ta' bejniethom u tista' wkoll tigi ffacilitata l-korruzzjoni' .

41. Illi aparti dan, mill-provi johrog car li l-appellant tkellem fuq dawn il-quotations ma Chris Gauci u aktar minn hekk Godfrey Formosa kien jaf l-informazjoni fuq dawn il-quotations ghax kien Chris Gauci stess li kien ghadha dawn il-quotation lilu sabiex jigi neggozjat il-prezz. Ghalhekk il-persuni kollha f' dan il-kaz kienu jafu l-informazzjoni qabel saret it-telefonata minn l-appellant lill-Chris Gauci;

42. Issegwi legalment li la l-kontendenti kollha kienu jafu l-informazzjoni ma kien hemm ebda tikxief ta' sigriet. Tant hu hekk li kien Godfrey Formosa stess li kien talab lill-appellant icempel lill-Chris Gauci;

43. Referenza issir ghax-xhiedha ta' Godfrey Formosa fejn qal:

' … tlabna jiena flimkien ma Chris Gauci biex naghmlu laqgha ma' Malta Enter-prise, l-laqgha saret gol-propjeta' tal-Malta Enterprise, Hal-Luqa. Meta morna l-Malta Enterpise, itqajna ma' Ryan Borg, li kien jahdem ma' Malta Enterprise stess biex nitolbu estenzjoni taz-zmien biex nilhqu naghmlu l-progett…. meta bhala em-ployer tieghu [recte tieghi] jigifieri

jigiferi s' intendi tajthom instructions mhux lilu biss imma anke haddiema ohra taghna, biex ikollna follow ups tal-klijenti taghna stess. Jigiferi bhal ma' ghamilt telefonata lil Chris Gauci, lil diversi nies ohra, tipo Yellow Pages, Ta' Grabiel, Santa Lucija, Fino, Pace and Mercieca, etc etc. Meta jien kont mort fil-propjeta personali, jien Godfrey Formosa, Krea go Hal-Qormi, biex niltaqghu Chris Gauci, biex ninnegozzjaw prezz. Dan kollu dejjem prezz. Dan, meta nneggozjat ma' Chris Gauci, sahansitra kien tani l-quotations ta' Bajada New Energy, tani l-pjanti, l-laqyout kif kienu gejjin, u s' intendi tajtu offerta vanaggujuza. u mbghad ghamilt wicci u ghidtlu; ' Tista tatini kopja taghhom halli jien nara x' nista ninnegozzja u ngiblek press [recte prezz] ahjar?' Tani l-karti hu, nzilt isfel, fejn ghandu x-xshowroom hu, ghamilt photocopies jien, fil-propjeta tieghu stess. jigiferi dan l-informazzjoni kien tahieli hu personali u kienet fil-pozizzjoni [recte possess] tieghi' ;

44. Godfrey Formosa ikkompli jghid ukoll li ' … l-quotation kienet diga pubblika fuq is-site tal-Malta Enterprise. Jigifieri l-informazzjoni hija pubblika. il-prezz finali li nneggozzjajna ahna, jien personali ma' Chris Gauci kien dejjem imnizzel bhala prezz' ;

45. Illi Godfrey Formosa jispjega li fid-dawl ta' dan kollu, kien qabad lill-Ryan Borg sabiex jaghmel follow up ' peress li ahna konna tlabna extension flimkien ma' Chris Gauci biex naghmlu l-progett … u biex nara kif ha niprocedu bhala installazzjoni ghax ahna konna konfermati li ha naghmlu l-progett… u sa fejn naf jien , m' ghamel l-ebda haga hazi-na' ….;

46. Fid-dawl ta' dan kollu, mhux talli l-prosekuzzjoni ma ippruvat li f' dan il-kaz kien hemm sigriet, izda li anke kieku kien hemm sigriet dan is-sigriet ma inkixifx ghax hija ovja li jekk titkellem mal-persuna li tkun taghtek l-informazzjoni fuq l-istess informazzjoni ma tkun qed tikser l-ebda sigiriet;

47. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b' mod legali tasal ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellant fuq l-ewwel imputazzjoni u jekk sabet htija, din saret wara li l-ligi giet inter-pretata b' mod inkorret;

Artikolu 33 u 38 tal-Kapitolu 325 - Segretezza Ufficjali.

48. Illi l-artikolu 33 testwalment jghid:

(1) Ħlief meta jkun meħtieg xort' oħra għall-finijiet ta' dan l-Att jew fil-kors ta' prosekuzzjoni għal xi reat imwettaq dwar dan l-Att, jew meta l-Prim Min-istru jordna xort' oħra –

(a) kull persuna li jkollha dmir uffiċjali jew li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att għandha tqis u titratta kull dokument u informazzjoni dwar ħwejjeġ maħsubin fi jew li jsiru taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bħala li huma sigrieti u konfidenzjali u għandha tagħmel u tissottoskrivi dikjarazzjoni bil-ġurament fuq il-formola preskritta għaldaqstant quddiem Kummissjunarju għall-Ġuramenti li għandha tiġi depożitata għand l-Avukat Generali;
(b) ….

49. Illi kontra il-Kodici Kriminali, dan l-artikolu jipprovdi definizjoni u tifsira ta' dak li ghandu jigi meqjus bhala sigriet;

50. Illi dan l-artikolu jghid ukoll ghal minn ghandu japplika. Fil-fatt is-suggett attiv ta' dan l-arikolu huwa: kull persuna li jkollha dmir ufficjali jew li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-ATT ossija il-Kapitolu 325 tal-Ligijiet ta' Malta;

51. Illi ghalhekk qabel xejn kellu jigi ippruvat ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li dan l-Att japplika u jirregola x-xoghol ta' l-appellant ghax l-appellant kien impjegat mal-Malta Enterprise Corporation li hi irregolata bl-Att 463 tal-

ligijiet ta' Malta. Il-Kapitolu 325 jirregola l-Korporazzjoni ghal zvilupp ta' Malta.

52. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, id-dokument esebit a fol 11 tal-process ossija id-dikjarazzjoni allegatament iffirmata minn l-appellant hija sempliciment kopja li ma gietx ikkonfermata bil-gurament mill-persuna li tat dan il-gurament u li kienet depozitarja ta' dan id-dokumenti;

53. Illi l-artikolu 33 huwa car. Id-dikjarazzjoni bil-gurament ghandha issir fuq il-formola preskritta u ghandha tigi depozitata ghand l-Avukat Generali; L-Avukat Generali f' dan il-kaz ma ntalabx jesebixxi tali dikjarazzjoni u jikkonferma tali dikjarazzjoni u fin-nuqqas ta' dan, il-kopja esebitta mill-prosekuzzjoni ta' din id-dikjarazzjoni ma ghandha l-ebda valur probatorju;

54. Illi ovjament minghajr tali dikjarazzjoni kif preskritta mill-ligi (u mhux dikjarazzjoni fuq letterhead tal-Malta Enterprise) fl-atti tal-process, l-appellant ma seta' jinstab hati qatt b' mod legali ta' l-artikolu 38 tal-Kapitolu 325;

55. L-Artikolu 38 ta' Kapitolu 325 jghid:

*Kull persuna li, ħlief kif provdut jew permess taħt dan l-Att jew għall-finijiet tiegħu, tikkomunika jew tittenta tikkomunika lil xi persuna oħra xi materja jew ħaġa oħra li tkun ġiet għall- attenzjoni tagħha jew li kienet fil-pussess tagħha fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan l-Att tkun ħajta ta' reat…*

56. Mill-qari ta l-artikolu 33 u 38 wiehed jista' jasal ghal konkluzjoni li s-suggett attiv ghandu jqis u jitratta kull dokument u informazzjoni dwar hwejjeg mahsubin fi jew li jsiru taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bhala sigrieti u konfidenzjali u jekk tik-komunika jew tittenta tikkomunika tali informazzjoni lil xi persuna ohra tkun hati ta' reat;

57. Illi kif gie sottomess f' aggravji precedenti, l-appellant ma ta l-ebda informazzjoni li xi persuna ohra kif jitlob dan l-artikolu;

58. Mill-qari ta' dan l-artikolu s-suggett attiv ta' dan ir-reat irid jikkomunika jew jittenta li jikkomunika lil xi persuna ohra l-informazzjoni li inghatat lilha fil-qadi ta' dmiri-jietha. F' dan il-kaz ma kien hemm l-ebda persuna ohra ma minn l-appellant tkellem peress li huwa tkellem biss ma Chris Gauci li kien l-persuna li tah l-informazzjoni;

59. Illi jekk l-appellant kien marbut biss bis-sigriet, huwa kien marbut li ma jizvelax is-sigriet lill-terzi persuni! F' dan il-kaz ma qieghedx jigi allegat li l-appellant tkellem rigward l-quotations ta' Chris Gauci ma terzi persuni. Li qieghed jigi allegat huwa li meta saret it-telefonata minnhu lill-Chris Gauci huwa tah informazzjoni li skond Chris Gauci huwa kien jafha minhabba l-qadi ta' dmirijiet u meta kien jahdem fil-Malta Enterprise. Chris Gauci kien ta hu stess din l-informazzjoni lill-appellant ap-parti li l-istess informazzjoni Chris Gauci kien tahha ukoll lill-Godfrey Formosa. F' dan il-kaz ma hemm l-ebda terza persuna involuta u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda komunika jew tentettiv ta' komunika ma xi persuna ohra;

60. Jekk dan mhux il-kaz meta l-ufficjali jikkomunikaw bejnithom fil-hdan l-awtorita jew meta anke sahansitra meta ufficjal jitkellem fuq l-informazzjoni li jkun inghata ma l-istess persuna fuq tali informazzjoni ikun qieghed jikser il-ligi;

61. Jidher li skond l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti, ix-xhieda kollha f' dan il-kaz li kienu jahdmu mal-Malta Enterprise bhla Christian Mallia ukoll kisru is-sigriet taghhom meta xhedu. Sahansitra anke meta l-appellant gie irraportat lill-pulizija, l-impjegat li ghamel irraport kiser is-sigiret;

62. Illi zgur mhux forsi dan ma hux l-ispirtu jew l-interpretazzjoni korretta tal-ligi. Il-ligi qeghda hemm sabiex tippreveni l-abbuz u l-ghotja ta' informazzjoni lil persuni li ma ikollhom dritt ghal tali informazzjoni;

63. Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx b' mod legali tasal ghas-sejbin tal-htija ta' l-appellant ta' din l-imputazzjoni u l-appellant nstab hati biss wara li saret interpretazzjoni inkorretta ta' l-elementi tar-reat;

**C. Il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b' mod ragonevoli tasal ghas-sejbin ta' htija ta' l-appellant;**

64. Ta' min isemmi li jidher li l-Qorti ta' Magistrati kienet ukoll motivata minn kwistjonjiiet ta' etika. Bla tlaqliq, l-appellant jissottometti li l-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrati ma hiex li tara jekk l-appellant aggixiex b' mod etiku jew le, izda ghandha tara biss jekk inkisritx il-ligi kriminali. Il-Qorti tal-Magistrati ma hiex board ta' l-etika. Dato ma non concessio li l-appellant zbajla, tali kunsiderazzjoni ma kelliex tkun motivazzjoni tal-Qorti sabiex tinstab htija;

65. Illi l-appellant bl-akbar rispett jissottometti huwa la kiser il-ligi u lanqas kien etika-ment skorret f' agir tieghu;

66. Illi fil-fatt huwa agixxa biss fuq struzzjonijiet li kellu minghand Godfrey Formosa li lilu kien jirrispondi. Godfrey Formosa ried konferma ta' meta se jibda ix-xoghol u ghalhekk qabad lill-appellant iccempel lill-Chris Gauci;

67. Illi tant kien korrett l-appellant f' agir tieghu li meta ikkomunika ma Chris Gauci huwa infurmah immedjatament li huwa ma kienx ghandu jahdem mal-Malta Enter-prise. Nonostante dan Chris Gauci hass li ma kienx gust u etiku li kien kelmu Ryan Borg;

68. Tajjeb li jinghad ukoll li Chris Gauci la fil-komunikazzjoni li ntalab jibghat u lanqas fix-xhiedha tieghu ma jghid x' kienet dik l-informazzjoni, jew x' kien dak is-sigriet li inkixfet. Ovjament dan peress li jekk kien hemm xi informazzjoni jew xi sigriet din l-informazzjoni jew sigriet kien Chris Gauci stess li kien taghha lill-Ryan Borg. Fil-fatt kull ma jghid Chris Gauci huwa; ' with respect to the matter of Ryan Borg as stated druing our meeting it was

very unprofessional and unethical that we recieved a call from Mr Borg stated that he is now working for Di Natura and giving me a full detail of the quotes of the other suppliers with precise figures. I think that a person who occupy such a position should act in a more ethical manner and that is the main we decided not to work with Di Natura' .

69. Ghax l-appellant kien ' unethical' Chris Gauci iddecida li ma jahdimx ma Di Natura! U hija minn din l-frazi li l-Qorti ghandha tinduna minn l-ewwel li r-rapport li sar minn Chris Gauci kellu fini ulterjuri u mhux kwistjoni ta' etika;

70. Illi minn din il-frazi johrog car li Chris Gauci kien se jahdem ma Di Natura (Godfrey Formosa) u dan ghal zewg ragunijiet partikolari:

1. Kif xhed Godfrey Formosa, Chris Gauci kien tah il-quotations tal-kontendenti tieghu u tah prezz aktar vantaguz;
2. Li mil-bidu nett Chris Gauci kien se jahdem b' Di Natura;

71. Illi l-Qorti ghalhekk ghandha tistaqsi x' kien il-motiv vera u propja ghalfejn Chris Gauci irraporta lill-Ryan Borgi! Ghax hija inverosimili ghall-ahhar li fil-kummerci, il-kummercjalist jitlef profit fuq kwistjoni ta allegazjoni ta' ksur ta' etika. Hija inverosimili ghall-ahhar li Chris Gauci irrifjuta li jahdem mad-Di Natura fuq sempliciment telefonata li fiha huwa gie moghti informazzjoni li diga kien jaf;

72. Illi l-appellant fil-fatt kien indika raguni lill-ispettur investigattiv ghalfejn Chris Gauci kien ghamel dan ir-rapport. L-appellant kien spjega li wara dan ir-rapport kien hemm Bajada ghax huwa kien irrifjuta kuntratt tax-xoghol mieghu, pero' li ghal xi raguni Chris Gauci ghazel li jitlef il-flus billi ma jahdimx ma Godfrey Formosa biex jahdem ma Ba-jada;

73. Illi tajjeb jinghad ukoll li Chris Gauci huwa wiehed mid-direttur tal-Priceclub u fejn il-Qorti ordnat lilu bhala direttur ihallas eluf ta' Euros lil

terzi persuni. Pero' a skans ta' ripettizzjoni, fuq kwistjoni ta' etika Chris Gauci iddecieda li jahdem ma Bajada u jitlef elef ta' euro. Fl-isfond ta' dan issir referenza ghas-sentenza ta' Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ' Dr Andrew Borg Cardona bhala stralcjarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Priceclub Operators Limited vs Priceclub (Holdings) Limited u b' digriet tal-Qorti tas-6 ta' Mejju, 2003, gew kjamati in kawza Victor Zammit, Christopher Gauci, Wallace Fino, Biochemicals International Limited u 2000 Hold-ings' Limited fejn il-Qorti irrimarkat:

> Kif jirrizulta mis-sentenzi li tat din il-Qorti illum stess fil- kawzi l-ohra indikati, l-agir tal-persuni li kellhom il-kontroll tal-kumpaniji fil-Grupp Priceclub kien wiehed ghall-kollox qarrieqi u intiz li jghabbu l-kumpaniji bi djun sakemm, forsi, il-kumpanija Priceclub (Operators) Ltd, jirnexxielha taghmel profitti hekk kbra li jkunu jistghu jaqghtu id-djun kollha inkom-benti l-kumpaniji fil-Grupp. It-tkabbir tal- kumpanija Priceclub (Operators) riedu jaghmluh minghajr wisq investiment personali, u biex jippruvaw jattwaw il- holma taghhom li jibnu imperu komparabbli ma dawk esteri, in-vestu flus it-trade suppliers. Meta d-djun kibru, komplew joperaw bi pregjudizzju ghall-interessi tal-kredituri u minghajr qis ta' kif il-kumpaniji, fosthom dik intimata, kienu se jonoraw l-obbligazzjonijiet li assumew. Flok, kif kien l-obbligu taghhom, raw kif jaghmlu biex irazznu l-operat taghhom u jnaqqsu t-telf potenzjali ghall- kredituri, kabbru d-dejn li kellhom biex issotnu l-hsieb li jkabbru l-kumpanija. B' rizultat ta' dan il-kummerc hazin u bi frodi adoperat mid-diretturi, il-kumpanija intimata spiccat falluta kif spiicat ukoll il-kumpanija operativa tal- grupp.

74. Illi pero' l-ispettur Gafa ma investigax aktar fil-fond dan il-kaz u ivverfika dak li kien qieghed jghid l-appellant fl-istqarrija. Tant hu hekk li lanqas ivverifika dak li l-appellant qal ma Godfrey Formosa. Dan johrog car ukoll mir-rapport ta' l-istess spettur li gie sot-tomess l-isuperjur tieghu dak inhar stess li ghamel l-interrogazzjoni;

75. Illi l-ispettur Gafa kellu l-obbigu li jinvestiga dak li kien qed jallega l-appellant u mhux biss dak li kien qed jappellega Chris Gauci. Il-pulziija ezekuttiva ghandha tinvestiga kaz kif jixraq u mhux tkun selettiva fil-gabra tal-provi taghha;

76. Illi Godfrey Formosa stess jghid li huwa kien offra lill-ispettur Gafa d-dokumenti kollha li juru li hu kien jaf bil-quotations li kellu f' idu Chris Gauci! Il-mistoqsija tigi wahida: Ghalfejn l-ispettur Gafa kien seletiv, ghalfejn huwa ma talabx id-dokumenti minnghand Godfrey Formosa? Ghalfejn l-imputat kellu jistenna l-process kollu jinghalaq sakemm ikun jista' iressaq prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu? Ghalfejn l-ispettur Gafa id-decieda li rressaq lill-Ryan Borg minghajr ma ikollu stampa cara ta' dak li verament ga-ra? Illi dan il-fatt biss ghandu jikrea dubju ragonevoli f' mohh il-gudikant rigward l-htija ta' l-appellant u dan peress li kull dubju ghandu dejjem immur favur l-akkuzat u f' dan il-kaz mhux dubju kien hemm rigward is-segretezza ta' l-informazzjoni izda sahanstira ma kien hemm l-ebda sigriet;

77. Illi aktar stamba minn hekk huwa l-fatt kif l-ewwel onorabbli Qorti skartat kompleta-ment kemm dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu kif ukoll dak li xhed Godfrey Formo-sa li huwa kien jaf bil-quotations, kif ta prezz aktar vantaguz lill-Chris Gauci u li hu kien qabad lill-appellant icempel lill-Chris Gauci sabiex jara meta se jibda ix-xoghol;

78. Illi kienet ghalhekk ukoll kompletament zbaljata l-ewwel Qorti meta ikkonkludiet li ' fil-kuntest tar-rizultanzi processwali kollha mehdua flimkien din il-qorti ma ssib ebda ra-guni valida fil-ligi ghaliex ghandha tiskarta l-allegazzjoni ta' Chris Gauci, li jispjega kif ir-cieva t-telefonata mingahnd l-imputat u d-dettalji li tkellem dwarhom l-imputat (dettalji li l-imputat kien jaf minhabba l-ex-impjieg tieghu mal-Malta Enterprise). Din il-verzjoni ghandha mis-sewwa u hija konfortata mill-kumpless tal-provi' ;

79. Ghal kuntrarju ta' dan, dak li allega Chris Gauci ma kellu mis-sewwa xejn u l-verzjoni tieghu kienet wahda inverosimili ghall-ahhar. Tant li fuq il-pedana tax-xhieda huwa ikkontradixxa lilu infissu meta xhed li l-appellan tkien qallu li hu ma kienx jaqbilu jahdem mal-kuntrattur li kien se jahdem bih! Chris Gauci kien mill bidu nett se jahdem mad-Di Natura u kien proprju ghalhekk li Godfrey Formosa kien ta struzzjonijiet lill-appellant sabiex icempilu. Tant u hekk li Chris Gauci stess fl-email tieghu li baght lill-Malta En-terpise ammetta li hu kien se jahdem mad-Di Natura pero' skond hu ghax l-appellant kien unprofessional ghazel li jahdem b' haddiehor;

80. Issir referenza ghall-istqarrija ta' l-imputat fejn huwa gie mistoqsi minn l-ispettur Gafa: L-ewwelnett tiftakar li din il-kumpanija kienet issottmettiet applikazzjoni tramite Chris Gauci li wkoll kien iltaqa' mieghek fil-Malta Enterprie meta kont ghadek impjegat hemm? Ghal din id-domanda l-appellant stqarr: L-applikazzjonijiet dahlu go tender box. Niftakar niltaqa' ma Chris Gauci li kien gie l-Malta Enterprise ma' Godfrey Formosa ghall-assitenza. Jidhirli li kien hemm xi nies ohra. Godfrey Formosa li qed nirreferi ghalih humwa l-managing director ta' Di Nature u cioe l-imghallem prezenti tieghi. Dak iz-zmien Chris Gauci ried jahdem ma' Di Natura' ;

81. Illi l-appellant jghid ukoll lill-ispettur Gafa li ' Le jiena kont cempiltlu, ghedtlu li ma kontx ghandi nahdem mal-Malta Enterprise, ghedtlu li qed nahdem ma' Di Natura u cempiltlu biex nara jekk kienx ghadu interessat jahdem ma' Di Natura peress li diNatura kienu se jidhu l-progett qabel. Nghid li ma semmejtx lil Bajada jew suppliers ohra' ;

82. Mistoqsi jekk kienx konxju bhalma kien konxju Godfrey Formosa ta' Di Natura li End-stone lImited kienet ghazlet li tahdem ma' Bajada, l-appellant jerga itenni li: 100 per cent le ghas-semplici raguni li peress li qabel kien ha jahdem ma' Di Natura, il-boss tieghi kien qalli biex incempillu halli jikkonferma ma' min ser jahdem. Probabbilment ghaliex kien jaf bil-quotations varji li tah u cioe li tah Di Natura' . Aktar l-isfel fl-istqarrija tieghu wara pressjoni minn naha ta l-ispettur Gafa, l-appellant jibqa isostni li ' Le,

jiena cempiltlu fqu ordni tal-boss biex niffolowja x' kien ser jaghmel dwar il-progett tieghu ' ;

83. Illi l-ispettur Gafa jidher li kien ivverifika li Chirs Gauci kien fil-fatt se jahdem ma Di Natura. ' … Stone Limited kienet kitbet lil Malta Enterprise fejn infurmahom illi kienu ot-tjenew tliet (3) quotations godda u dawn kienu mahruga minn Bajada New Energy lim-ited, NG Projects LImited li joperaw id-Di Natura kif ukoll IES Limited. Din il-kumpanija skont il-quotations li kienet gabet kienet ghazlet li taghti l-progett taghha lill-Bajda New Energy minkejja l-fatt li l-ahjar quotations li kellhom kienet dik ta' Di Natura u din kienet l-ahjar offerta mhux bhala flus imma bhala kemm kien jiggenera electrical out-put din is-sistema voltovotajici. Minkejja dan kollu … Sone lImited kienet ghazlet li timxi ma Bajada anka minkejja l-fatt li kienu ha jingahtaw inqas fondi mill-Malta Enterprise' ;

84. Illi ghalhekk hemm konflitt serju bejn dak li qed jallega Chris Gauci u dak li qed jghid l-appellant u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellant kellu jigi mitwemmen minn l-ewwel Qorti;

85. Illi dato ma non concessio li fit-telefonata li saret lill-Chris Gauci l-appellant ghamel referenza ghal quotations xorta wahda jibqa l-fatt li l-Qorti ma setghetx b' mod re-gonevoli tasal ghas-sejbien ta' htija u dan ghas-semplici fatt li r-referenza ghal quota-tions li saret, l-appellant ma sarx jafha biss tramite x-xoghol tieghu mal-Malta Enterpise izda kienet informazzjoni li Godfrey Formosa kien jaf ukoll;

86. Ghalhekk huwa zbaljat l-ispettur Gafa meta fix-xhiedha tieghu jghid li' ghamillu referen-za wkoll ghaz-zewg quotations l-ohra li dan kien dahhal fil-Malta Enterprise, kkowtalul-figuri tat-tliet quotations ta' Di Natura u taz-zewg suppliers l-ohra u Chris Gauci rightly so rraporta dan lill-Malta Enterprise ghaliex dawk il-figuri s-sur Ryan Borg seta' biss kienjafhom minhabba li hu kien jipprocessa dawk l-applikazzjonijiet meta hu kien jahdem fil-Malta Enterprose' ;

87. L-ispettur Gafa qabel li pero' Chris Gauci ovjament kien jaf bid-dettalji kollha li l-appellant allegatament tah u ghalhekk l-appellant ma kixef l-ebda sigriet u ma ta l-ebda informazzjoni lill-Chris Gauci li Chris Gauci stess ma kienx diga jaf u fid-dawl ta' dan l-Qorti ukoll ma setghetx b' mod ragonevoli tasal ghas sejbien ta' htija;

**D. Fuq il-Piena**

88. Bla preguzzju ghall-aggravji fuq il-htija, jekk din l-Onorabbli Qorti tasal biex tikkonferma l-htija ta' l-appellant, umilment qieghed jigi mitlub li l-piena ergoata minn l-ewwel Qorti tinbidel u jinghata provediment taht l-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex l-futur tax-xoghol ta' l-appellant ma jigiex ippredugikat;

89. Illi l-kondotta ta' l-imputat hija wahda netta u dan kien l-ewwel incident li l-appellant kellu jirrispondi ghalih quddiem il-Qorti. Jidher li din ic-cirkustanza ma gietx mehuda in konsiderazzjoni minn l-ewwel Qorti;

90. Nonostante dan il-kaz, l-appellant kompla bl-istudju tieghu ukoll u illum il-gurnata ghotjena diversi certifikati ta' livell akkademiku gholi (Post Gradate) u ghalhekk ma ghandux bzonn jirriforma ruhhu, intiza li l-piena kellha tigi immirata ghaliha;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidrat,

Illi nhar it-12 ta' Marzu 2014 xehed l-**Ispettur Joanthn Ferris** u pprezenta l-istqarrija rilaxxjta mill-imputat nhar it-12 ta' Gunju, 2012, liema dokument gie markat bhala dok JF2 u jinsab eseit fl-atti a fol 33 et seq.

L-ispettur Angelo Gafa xehed u spjega illi f'April 2012 huwa kien spettur gewwa ir - reati ekonomici tal- Pulizija u kien ircieva rapport datat 26 ta' April, 2012 minghand

Dr Katrina Borg Cardona, chief legal officer tal-Malta Enterprise fejn din allegat li kien hemm tikxif ta' sigriet ufficcjali minn ufficcjal tal-Korporazzjoni u dan minhabba n-natura tax-xoghol tieghu. Din spjegat li l- Malta Enterprise Corporation kienet regolata bi business Promotion Act il -Kap 325 tal ligjiet ta Malta u l-artikolu 33 (1) intitolat '*official secracy*' kien jistipola li jkun reat kriminali jekk ufficcjal tal- korporazzjoni jikxef sigriet ta din l-istess korporazzjoni. Spjegat kif wiehed mill-ex impjegati tal-korporazzjoni u cioe l-appellant kien ingaggat mal-Malta Enterprise bhala seniour Executive EU Funds u dan kellu l-impieg tieghu bbazat fuq l-kuntratt tax-xoghol tieghu li kien skada fil-31 ta' Marzu, 2012 u dan minghajr ma gie *renewed* u l-istess appellant kien fit-30 ta' April, 2009 kien ghamel dikjarazzjoni bil-gurament skond l-artikolu 33(1) li ma jikxifx dawn it tipi ta' sigrieti. Jghid li kopja ta dan il-gurament kien gie ammess ma dan ir-rapport.

Il-kwerelanti kienet irraportat li l-appellant kien responsabbli mill-processar ta' Energy Grants Scheme ta l-Unjoni Ewropea fejn wiehed mir- rekwiziti kien li l-applikanti jissotomettu tlett kwotazzjnijeit li imbaghad jigu processati mill-Malta Enterprise.

L-allegazzjonui kienet li l-appellant li fiz-zmien meta sar ir-rapport kien jahdem mas-socjeta' Di Natura limited wiehed mis-suppliers li l-quotations tieghu kienu jigu accettati mill-Malta Enterprise fuq din l-iskema, 'dan il-perijodu allura li l-appellant kien impjegat ma Di Natura Limited kien icempel lil Vivendo group, wiehed mill-applikati ta' din l-iskema u ghamel referenza ghall quotations li dawn kienu issottomettw mal- Malta Enterprises skond l-istess Energy Scheme. Din l-allegazzjoni kienet ikkonfermata minn Chris Gauci ghan nom tal-Vivendo Group li kien ikkonferma dan ir- rapport bil- miktub fit-23 ta' April, 2012 lil Christian Mallia li wara giet ukoll mghotija lill-pulizija.

Skond ir -raport din l- informazzjoni li l-appellant kien zvela mal-Vivendo group kienet inghatat lilu fil-kors tal-esekuzzjoni tad- dover tieghu lil Malta Enterprise u ghaldqstant il-pulizija giet mitluba tinvestiga dawn l-allegazzjonijiet.

Illi nhar it-12 ta' Marzu 2014 xehed **Jospeh Saliba** ghan nom u in rappresentanza ta' ETC illum mgharufa bhala Job Plus u pprezenta l-employment history ta' l-appellant

li giet markata bhal dok JS . Minn esami ta l-istess jirrizulta li l-appellant kien impjegat ma Malta Enterprise bhala Senior Excutive mill-1 ta' April, 2009 sat-30 ta' Marzu 2012.

**Christoher Gauci** xehed nhar it-12 ta' Marzu, 2014 (fol. 41) u stqarr li huwa Direttur ta' tlett socjeta'jiet u cioe Ikea, Idea Casa u Ends Dow Co. Ltd li kellhom tlett applikazzjonijiet pendenti mal-Malta Enterprise u dan sabiex jghamlu solar panels fuq xi bjut tal-imhazen u ta' xi showrooms. Izda wara xi zmien kienu iddecidew li jwaqqghu wahda minn dawn l-applikazzjonijiet u ddecidew li jahdmu ma kuntrattur partikolari. Cio' nonostatne ma kienux segwew dawn l-applikazzjonijiet u kien ghadda iz- zmien taghhom. Pero' wara xi zmien regghu kellmu lil tal-Malta Entrprise dwar tnejn minn dawn it-tlett applikazzjonijiet u dan biex itihom zmien jergghu jissubmitjawhom. Jghid li l-Malta Entrprises kienet accettat u ghalhekk gabu tlett quotations mill-gdid u regghu issubmittjawhom. F'xi zmien jghid li kien ircieva telefonata minghand is- sur Borg u cioe l-appellant odjern. Jghid li s-sur Borg kien qallu li ma kienx jaqbillu jahdmu bil-kuntrattur li kienu ghazlu izda kellhom jadhmu mieghu fil- post il-gdid fejn mar jahdem. Jghid li kien mar l-Malta Enterprise u tkellem ma Chritian Mallia u staqsih jekk kienx hemm xi problema bl-applikazjonijeit tieghu u qallu li kien irceiva din it-telefonata minghand l-appellant pero' qallu ukoll li kien jistenna l- Malta Enterprise icempilu u mhux pesuna li m'ghadhiex tahdem hemm izda li marret tahdem ma persuna li ghandha interess li tbieghlu l-panelli Dan Malia staqsih jekk kienx lest li jikteb dak li kien qallu verbalment u qallu li ma kellux problema dwar dan u filf-fatt baghat email.

**Norbert Gingell** xehed nhar it-12 ta' Marzu ,2014 ( fol. 43). Mistqosi jekk l-appellant qatt kien impjegat mal-Gvern ighid li ma kienx. Mistoqsi jekk kienx impjegat mal-parastatali jghid li dawk huma awtonomi mic-civil u dan ghaliex l-employer taghhom tkun l-entita' u mhux il Gvern Centrali Mistoqsi dwar il- Malta Enterprise jghid li dik hija Public Sector Entity u ma taqax taht il-Gvern Centrali bhala payroll .

**Simon Caruana** xehed fl-interess tal-Human resouorces tal-Malta Enterprise u esebixxa faxxikolu li gie markat bhala dok SC li fiha ittra li kien baghat l-appellant f'Awissu, 2008 meta kien applika ghal posizzjoni mal-Malta Enterpise, kopja tal-kuntratt iffirmat bis-salaraju li dahal bih bid-data kunfidenzjali ta' informazzjoni , u l-

ETC records, l- FS 4 ta' dak iz zmien, l- Oath tal-Confidentiality li kienet iffirmata, il-formola tat-termination, l-ahhar FS 4 u ittra minn Bonelli li kienet tokkupa l-Head of Human Resources li tindika meta beda u spicca ix-xoghol l-appellant b'referenza ghaz-zmien li hadem mal-Malta Enerprise.

In kontro esami nhar l-1 ta' Novembru, 2016 jghid li gie mitlub sabiex jippresenta tlett quotations li kien issottometta Chris Gauci lil Malta Enterprise u dan il-faxxikolu gie esebit u markat bhala dok SC1. F'dan il-kaz l-envoleope kien wasal ghandhom selaed u ghalhekk huma ighataw ricevuta tallli ikunu ircevewh. Izda meta jircievu ittri allura ipoggu timbru biss. Spjega li l-persuna li tiehu d-dokumenti fir-registry jitnizzel ismu. Fil-kaz in desmina iz-zewg envelopes markati 1 u 3 kienu sealed u gew presentati minn Isabella Mayra. Dwar iz-zewg envelopes 2 u 4 ma jaf xejn.

**Christian Mallia** xehed nhar it-12 ta Novembru 2014 u stqarr li meta sehh l-incident in kwistjoni huwa kien impjegat mal- Malta Enterprise bhala seniour executive illum jahdem mal- PPCD bhala projects manager. Qal li kien jahdem mal- Malta Enterprise bejn Mejju. 2011 sa April ,2014.

Qal li kellu serje ta' emails li saru minn wiehed mill-benficcjarji tal-iskema tal-energija. Qal li f'Marzu ftit wara li kien telaq mix-xoghol l-appellant kien irriplejsjah biex jahdem bhala seniour executive *to over see* l- iskema ta' ERDF 133 u cioe' 'The Energy Grant Scheme'. U ghalhekk beda jiehu *hand over* tal-affarijiet. Qal li kien ghamel kuntatt mieghu Chris Gauci tal-Vivendo group biex imexxilu request li kien ghamel lil Malta Enerprise fuq change fil-progett tieghu u kien iltaqa' mieghu fit-13 ta' April, 2012. Kienu idduskutew ir-request u fl-istess meeting kien irrefera li waqt il-meeting is-sur Bog kien ikkuntatjah jew lil xi hadd mill-kumpanija fejn qallu li kien qed jahdem mas-ssocjeta' Di Natura Limited u ma kienx ghadu jahdem mal-Malta Enterprise u tah xi dettalji li skond hu kienu dettalji ta' quotes li kellu fuq il-progett. Jigifieri li kienu parti mid-dokumentazzjoni li tinzamm ghand il-Malta Enterprise. Qallu biex jissustanza dak li kien qed ighid u dan fl-email sabiex jghaddiha lis- superjur tieghu. F'dan il-meeting jghid li kien hemm xi membru iehor tal-Vivendo group.

Jghid li s-sur Gauci ken qallu li qabel kien ikollu kuntatt ma dan l-appellant f'isem il-Malta Enterprie kemm tramite email kif ukoll normali li jsir min naha tal-ko-ordinator.

Mistoqsi jirrepeti dak li qallu ezatt ighid li ma jafx pero' jghid li kien kitiblu permezz ta' email rigward dan il-meeting. Qal li kellu l-korrispondenza fejn fit-23 ta' April, 2012 kien talbu biex icempilu fuq il-kaz, wara li kien tkellem mas CEO u cioe' ma jafx jekk kienitx Dr Sue Vella li kienet qaltlu sabiex jitlob lill-appellant jisostanzja dak li fil-fatt kien qallu. Dan Gauci kien qallha " *with respect to the matter of Mr Ryan Borg as stated during our last meeting it was very unpfoessional and unethical that we received a call from Mr Borg stating that now is now working for Dr Natura and giving me a full detail of the quots of other suppliers with rpeise figures*." Jigifieri dan kien qed ighid li Borg kien tah dettalji tal-kwotazzjoniet tas-suppliers l-ohra li kienu in competition mieghu. Ghalhekk dak li fehem hu kien li l-appellant kien ikkuntattja lil Chris Gauci biex joffrilu xi haga differenti jew ahjar milli offiriehlu is-supplier li kienu ghazlu din il-kumpanija. Din l- email giet esebita u markata bhala dok CM. Jghid li kien talab lis sur Mallia biex jipprovdilu '*an over view of ERDF Energy Grant Schemer.*"
Qal li dan l-email kien ghandu pero' ma setghax jippresenta aktar dokumenti peress li ma kienx ghadhom ghandu izda kieu ghadhom fi hdan il-Malta Enterprise u ghalhekk m'ghanadux access ghalihom.
Qal li Karl Herrera kien il-project leader li kellu jiehu hsieb l-iskema kollha . Fiz-zmien meta sehh dan il-kaz pero' kien hemm is -sur Joe Azzopardi pero' illum dan hu rtirat. Qal li dak iz-zmien kien jiltaqa' ma diversi nies biex jassistihom kif ghamel mas-sur Gauci u dan sabiex jghatihom l-assistenza. Jghid biss li meta iltaqa' mas-sur Gauci kien talbu biex jiktiblu dak kollu li kellu ighidlu pero' jekk sarux xi laqghat mas-superjuri tieghu ma jafx .

**Spettur Angelo Gafa** spjega illi f'April, 2012 huwa kien jokkupa l-kariga ta' spettur fid-dipartiment tar-reati ekonomici tal-pulizija. Jaf li kienu ircevew rapport datat 26 ta' April ,2012 minghdan Dr Katrina Borg Cardona, Chief Legal Officer tal-Malta Enterprise fejn din allegat li kien hemm kaz dwar kxif ta' sigriet ufficcjali minn ufficcjal tal-korporazzjoi u dan minhabba n-natura tax-xoghol tieghu. Din spjegat li l-Malta Enterprise Corporation kienet regolata bil-Business Promotion Act (Kap 325) u l-

atikolu 33(1) intitolat '*official secracy*' kien jistipola li jkun reat kriminali jekk ufficcjal tal-korporazzjoni jikxef sigriet ta' din l-istess korporazzjoni. Spjegat kif wiehed mill-ex-impjegati tal-korporazzjoni u cioe' l-appellant kien ingaggat mal-Malta Enterprise bhala Senior Executive tal-EU Funds u dan kellu impieg u tieghu, il-kuntratt tax-xoghol tieghu skada fil-31 ta' Marzu, 2012 u jinghad li fil-bidu tal-impieg tieghu l-appellant kien ghamel dikjarazzjoni bil-gurament skond l-artikolu 33(1) tal-kap 325 li ma setax jikxef dawn it-tipi ta' sigrieti.

Spjega li l-kwerelanti kien irraporta li l-appellant kien fost l-ohrajn responsabbli ghall-processar ta' Energy Grant Schemes ta' l-Unjoni Ewropeja fejn wiehed mir-rekwiziti kien li l-applikant jissottometti tlett kwotazzjonijiet li imbaghad jigu processati mill-Mlata Enterprise. Issa f'dan il-kaz l-allegazzjoni kienet li l-appellant li fiz-zmien meta sar ir-rapport kien impjegat mas-socjeta' Di Natura Limited, (li hija wahda mis-suppliers li l-quotations taghha kienu jigu accettati mill-Malta Enterprise fuq din l-iskema) kien cempel lil Vivendo Group, wiehed mill-applikanti ta' l-iskema u ghamel referenza ghall-quotations li dawn kienu gew sottomessi mal-Malta Enterprise skond din l-istess Energy Scheme. Din l-allegazzjoni kienet ikkonfermata minn Chris Gauci ta' Vivendo Group li kien baghat lill-ufficcjal tal-Malta Enterprise Christian Mallia fit-23 ta' April, 2012 u kopja taghha kienet giet mghoddija mar-rapport lill-pulizija. Skond dan ir-rapport l-informazzjoni li l-appellant kien zvela ma Vivendo Group kienet inghatat lilu fil-kors ta' l-esekuzzjoni tad-dover tieghu fil-Malta Enterprise u ghaldaqstant il-pulizija giet mitluba tinvestiga dawn l-allegazzjonijiet.

Jghid li kienet saret laqgha ma Dr Katrina Borg Cardona fl-4 ta' Mejju, 2012 u dawn id-dettalji tal-kaz kienu gew spjegati mill-ufficcjali tal-Malta Enterprise specifikament minn Christian Mallia li huwa Senior Executive ERDF Aid. Kien gie spjegat li fis-sena 2009 il-Malta Enterprise kienet harget zewg skemi li kienu jkopru r-refuzjoni ta' 50% ta' spejjes li dan kienu jaghmlu f'investimenti ta' renewable energy equipment. Fit-tieni sejha dik mahruga fit-2 ta' Ottubru 2009, Stone Limited, li hija sussidjarja ta' Vivendo Group li allura kienu ghamlu rapport mal-Malta Enterprise wara li din il-kumpanija kienet issottomettiet tlett quotations sabiex tinstalla panelli fotovotajici fejn is-supplier preferut kien Bajada International Solar System Limited, din l-

applikazzjoni kienet giet iffirmata mid-direttur tal-kumpanijau cioe' minn Clement Gauci filwaqt li l-project manager kien imnizel bhala Chris Gauci. Din l-kumpanija Stone limited kienet kitbet lil Malta Enterprise fil-5 ta' Marzu, 2012 fejn kienu infurmawhom li kienu ottjenew tlett quotations godda u dawn kienu mahruga minn Bajada New Energy Limited, NG Projects Limited li joperaw Di Natura Limited kif ukoll IES Limited Dkons. Mill-quotations li kienet gabet din il-kumpanija hija ghazlet li taghti l-projett taghha lil Bajada New Energy minkejja l-fatt li l-ahjar quotation li kellhom kienet dik ta' Di Natura u din kienet l-ahjar offerta mhux bhala flus imma bhala kemm kien jiggenera elettricita' output din is-sistema fotovoltajici.

Minkejja dan kollu, Stone Limited kienet ghazlet li timxi ma Bajada anke minkejja l-fatt li kienu ha jinghataw inqas fondi mill-Malta Enterprise. Fl-1 ta' Gunju, 2012 kien intervista lil Chris Gauci li kien ghamel ir-rapport ma Malta Enterprise u dan ikkonferma l-allegazzjonijiet tieghu u spjega li fit-12 ta' April, 2012 jew xi gurnata qrib dan, l-appellant kien cempillu fuq il-mobile personali tieghu u fejn dan infurmah immedjatament li ma kienx ghadu jahdem il-Malta Enterprise imma kien impjegat ma Di Natura Limited u fl-istess konversazzjoni l-appellant ghamel referenza specifika ghal quotation li Chris Gauci kien issottometta mal-Malta Enterprise u anke ghall-figuri kkwotati u hawnhekk l-appellant allegatament qal li dan Gauci li l-quotation li hu kellu ta' Di Natura kien ahjar miz-zewg kwotazzjonijiet li hu kien ottjena u kien issottometta fil-Malta Enterprise u dan qad jghamillu l- kalkoli tieghu biex jurih kemm dan kien minimu.

Spjega kif dan Chris Gauci l-ghada 13 ta' April, 2012 kien irraporta din it-telefonata li kellu minghand l-appellant lil Chritian Mallia fejn kienu sahansitra iltaqghu gewwa l-Malta Enterprise u dan wara li kien gie mitlub jghamel l-allegazzjoni tieghu bil-miktub tant li kien baghat email fit-23 ta' April 2012.

Min naha taghhom ghamlu l-verifiki ma l-ETC fejn sabu li wara li kien gie terminat l-impieg tal-appellant mal-Malta Enterprise nhar it-30 ta' Marzu, 2012 nhar l-10 ta' April, 2012 kien gie ingaggat mas-socjeta' Di Natura Limtied ta' B'kara.

Wara dan kollu talab li jinhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-appellant u dan gie esegwit fit-12 ta Gunju 2012.

Spjega li dakinhar dan kien attenda fl-ufficcju tieghu u wara li gie moghti d-dirtt ta' assitenza legali rrilaxja stqarrija u anke sar konfront ma Chris Gauci u l-appellant innega l-allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront tieghu. Dan pero' kkonferma li kien cempel li Chris Gauci u staqsih jekk kienx ghadu interessat li jahdem mas-socjeta' Di Natura Limited. Innega li qatt ghamel referenza ghas-suppliers l-ohra u ghal quotations li Chris Gauci kien dahhal mal-Malta Enterprise u in vista' ta' dan wehlu li mill-evalwazzjoni li ghamlu l-fatt li kien qed jghid Chris Gauci u dak li kien qieghed jghid l-appellant u ma sabu l-ebda raguni ghalfejn Chris Gauci seta' vvinta l-allegazzjonijeit li saru fil-konfront tal-appellant u kien ghalhekk li iddecida li johrog akkuzi fil-konfront tal-appellant odjern.

Huwa esebixxa l-istqarrija tal-appellant li giet markata bhala dok JF 2 a fol. 32 sa 35 tal-process. Gharaf id-dikjarazzjoni li kien ghamel l-appellant u li tinsab esebita fl-atti a fol. 54 , gharaf ir-rapport li kien ircieva mill -Malta Enterprise datat 26 ta' April, 2012.

In sintesi stqarr li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien mibni fuq it-telefonata li kien ghamel l-appellant lil Chris Gauci meta kien gia beda bl-impieg tieghu ma Di Natura.

Mistoqsi jghid x'kien is-sigriet li kixef l-appellant ma Chris Gauci jispejga illi fi zmien meta l-appellant kien qed jaqdi l-funzjoni tieghu gewwa Malta Enteprise, is-socjeta' Stone Limited li hija sussidjarja ta' Vivendo Group kienet dahlet talba biex tiehu 50% ta' apparat fotovoltajici li kient ser tinstalla. Kienet dahlet tlett quotations u wahda minnhom kienet tghajjat lis-socjeta' Di Natura Limtied pero' hi ghazlet li tahdem mas-sojceta Bajada New Energy. Meta l-appellant ma baqax ma Malta Enterprise u mar jahdem mas socjeta' Di Natura dan cempel lil Chris Gauci u ghamillu referenza ghal-quotations li Di Natura kienet tat lil Chris Gauci pero' mhux biss ghamillu referenza ukoll ghaz-zewg quotations l-ohra li dan kien dahhal fil-Malta Enterprise izda kkwotalu l-figuri ta' tlett quotations ta' Di Natura u taz-zewg suppliers l-ohra u Chris

Gauci *rightly so* rraporta dan lill-Malta Enterprise ghaliex dawk il-figuri l-appellant seta biss jafhom meta hu kien jahdem fil-Malta Enterprise.

Mistqosi jekk hux minnu li Chris Gauci kien jaf b'dawn l-istess quotations ghaliex kien hu stess li issubmittja dawn l-quotations ighid li iva hekk hu. Fil-fatt ma kienet xejn gdid u ghalhekk dak li l-appellant qal lil Chris Gauci kien gja jafu. Huwa esebixxa r-rapport li ghamel referenza ghalih waqt ix- xhieda tieghu li gie markat bhala dok AG1.

Nhar il-25 ta' Mejju, 2016 xehed in kontro-ezami u jghid li fuq dan il-kaz kien ressaq biss lill-appellant. Dwar Godfrey Formosa ighid li kien resqu l-Qorti fuq akkuzi ohra. Dan hu l-imghallem tal-appellant meta l-appellant kien qed jahdem mas-socjeta' Di Natura Limited. Mistoqsi jekk l-appellant kienx agixxa fuq struzzjonijiet moghtija lilu minn Godrey Formosa jghid li mill-istqarrija hekk jirrizulta li kien talbu Godfrey Formosa biex icempel lil Gauci. Qal li kul ma qallu l-appellant hu rifless fl istqarrija rilaxxjata minnu. Jghid ukoll illi meta l-appellant cempel lil Chris Gauci wara li kien telaq mill-impieg tieghu mal-Malta Enteprise u gieghlu jipprova jahdem mas-socjeta' Di Natura Limited fl-istess telefonata kien ikkwotalu l-offerti tas-suppliers l-ohra u kien ghalhekk li tressaq il-Qorti ghaliex kien jaf din l-informazzjoni bhala parti mix-xoghol tieghu waqt li kien jahdem mal Malta Enterprise. Lil Godfrey Formosa ma investigahx fuq din il-materja ghaliex dak li qabbad lill-appellant ighamel ma kienx illegali. Jghid li l-appellant qatt ma qallu waqt l-interrogatorju tieghu li Godfrey Formosa kien jaf bil-quotations li kienu gew sottomessi lil Malta Enterprise.

**Carl Herrera** xehed nhar il-25 ta' Marzu, 2015 ghan-nom u in rappresentanza ta' Malta Enterprise bhala Head Incentive tal-Adminsitration. Spjega li l-iskema ta l- ERDF hija skema finanzjata minn Euroepan Region Development Fund fejn kumpaniji jistghu jiehdu beneficcji ghall-investimenti li jaghmlu biex jiggeneraw energija minn sosri alternattivi jew biex jimplimentaw sistemi ta efficenzi ta energija. Una volta l -progett jigi accettat jsitghu jinghataw grants ta 50%. Ikkonfemra li l-appellant kien jahdem maghhom u dan kien jiehu hsieb numru ta' skemi li kienu finanzjati mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

**Dr Katrina Borg Cardona** xehdet nhar l-14 ta 'Dicembru 2015, wara li gabet l-ezenzjoni minghand l-ufficcju tal-Prim Ministru. Tikkonfmerali taf lill-appellant odjern u dan ghaliex ghamel zmien jahdem fil-Malta Enterprise . Dak iz-zmien hija kienet tokkupa l-kariga ta' Chief Officer pero' x'kien jghamel l-appellant ezatt ma tafx pero' taf li kellu jiehu hsieb u jamminsitra l- iskemi tal-Malta Enteprise.

Spjegat li kien kellimha xi hadd mid-dirigenti tal-Malta Enterprise u kienu qalulha li kienu ircevew telefonata minghand l-applikant taht l-iskema tal-energy dak iz-zmien kien allega illi informazzjoni li kienet jew li setghet biss giet f'idejn l-appellant meta kien qed jamministra l-iskema fil-fatt, giet mghoddija lil terzi u din kient urtatu hafna. Taf li kien ghamel complaint mac-chairman jew mas-CEO u hija giet mitluba tghati parir li issarraf fi kwerela li tinsab esebita fl-atti a fol 102. Spjegat li l-Malta Enteprise kienet ukoll ghamlet investigazzjoni dwar din it-telefonata meta resqet il-complaint pero' ma kienitx f' posizjoni tghid min kien ghamel it-telefonata. Dak iz-zmien l-appellant kien jamministra l-energy Scheme. Qalet li t-telefonata saret meta l-appellant kien gja telaq mill- Malta Enterprise u skond ma qalulha dan kien mar jahdem mas-socjeta' Di Natura Limited. Din is-socjeta' kienet wahda mis-suppliers li allura kien jisservisja klijenti jew applikanti taht l-iskema tal-Malta Enterprise fosthom dik tal-Energy Schemes u ghalhekk l-istess skema li kien jamminsitra l-appellant bhala parti mill-funzonijiet fl-ufficcju tieghu.

Meta xehdet in kontro esami nhar l-25 ta' Mejju, 2016 stqarret li ma kienitx ghada impjegata tal-Malta Enterprise u ghalhekk ma kellhiex access ghad-dokumenti la tal-HR u lanqas kopji originali tal-kwerela u ma kellha xejn xi zzid ma dak li kienet qalet fis-seduta precidenti taghha.

L-appellant **Ryan Borg** na xehdx f'dawn il-proceduri pero' kien irrilaxxja stqarrija nhar it-12 ta' Gunju, 2012, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol 33 markata bhala dok JF2.

Dan stqarr li huwa jahdem ma Godfrey Formosa mas sojeta Di Natura Limited bhala assistent tieghu u kien ilu jghamel dak ix-xoghol ghal madwar tmien gimghat. Qabel

dan ix-xoghol kien jahdem mbhala senior Executive mal Malta enterprise u kien ilu jahdem hemm ghal madwar tlett snin. Qal li meta gie biex igedded il-kuntratt tieghu l Malta Enterpise qaltlu li kienet ser igeddu biss ghal perijdou ta sena u dan ghaleix verbalment kienu infurmawh li kien ser ikollu l kuntratt tieghu imgedded ghal tlett snin fejn war akien jigi tal post. Jghid li kienu offrewlu ukoll promotion una volta jghamel diploma in taxation izda ma kienitx tinterressah.

Jghid li huwa minnu li kienha gurament ta' segretezza ufficcjali skond l-artikolu 33(a) tal-Kap 325 pero' ma ftakarx id-data meta dan sehh. Muri kopja ta' dokument datat 30 ta' April 2009 huwa kkonferma l-firma tieghu (x'kien pero' dan id-dokument pero' ma nafux salv li kellu l-letter head tal-Malta Enterporise). Jghid li huwa kien responsabbli sabeix jara li jipprocessa l-pagamenti u b'dan ried ifisser li l-progetti ma kienx jghazilhom hu u l-promotion tal-iskema kient issir mill-Management Relations Unit Huwa kien fl-Incentives Department u kien imur 'on site' ma haddiehor u kienu jiccekkjaw id-dokumenti flimkien izda ma kienx jiffirma ghas-site visits. Il-pagamenti processati kienu jigu verifikati minnu, mit-Tesor u mill-Ministeru tal-Finanzi.

Jghid li jiftakar li kien itaqa' ma Chris Gauci u Godfrey Formosa meta kien jahdem il Malta Enterprise. Qal li Chris Gauci xtaq jahdem mas-socjeta' ta' Godfrey Formosa u cioe mas- socjeta' Di Natura Limited. Ftakar li fil-fatt Chris Gauci kien talab estensjoni minghand il-Malta Enterprise dwar l-esekuzzjoni tal-progett u anke ssottometta quotations godda fosthom wahda ta' Di Natura. Jghid li kien anke talab l-ghajnuna tieghu biex ighinu.

Muri ittra datata 5 ta' Marzu, 2012 iffirmata minn Clement Gauci mibghuta lil Malta Enterprise u li tidher li kienet giet ricevuta mill-Malta Enterprise fis-16 ta' Marzu 2012 ighid li l-original kien inghata lilu kif jindika it timbru fuq l-istess dokument. Qal ukoll li ma din l-ittra kien ircieva tlett quotations pero' mistoqsi jekk wahda kienitx ta' Bajada New Energy, ohra ta D&G projects operturi ta' Di Natura Llimtied u ohra minn IES Limited ighid li jista' jkun, pero' ma jiftakarx.

Mistoqsi jekk hux minnu li huwa kien cempel lil Chris Gauci fit-tieni gimghat ta' April 2012, fejn wara li kien infurmah li ma kienx ghadu jahdem ma Malta Enterprise gharafu li kien qed jahdem ma Di Natura Limited u qallu li kien jaqbel jew li jkun ahjar jekk is-socjeta' ta' tieghu tahdem ma Di Natura u mhux ma Bajada New Energy ghaliex kienu ser jitilfu l-grants mghodija lilhom mill-Malta Enterprise jghid li mhux ezatt. Jispejga li kien verament kien cempillu, verament qallu li ma kienx ghadu jahdem ma Malta Enterprie, li verametn qallu li kien qed jahdem mas-socjeta' Di Natura Limited izda kien cempillu biex jara jekk kienx ghadu interessat jahdem ma Di Natura peress li Di Natura kienu ser jiehdu l-progett qabel. Jghid li ma semmiex lil Bajada NewEnergy jew suppliers ohra.

Mistoqsi jekk kienx konxju jekk Di Natura kientix ghazlet li tahdem ma Bajada jew li zgur li le tant hu hekk li l-imghallem tieghu Godfrey Formosa kien talbu icempilu biex jara ma min kien sr jahdem probabilment minhabba li kien jaf bil-quotations li kien tah qabel.

Waqt il-konfront l-appellant gie msitoqsi jekk meta cempel lil Chris Gauci ikkwotalux il-quotations l ohra u hadimlu xi somom jghid li mhux minnu fl-ebda hin ma ghamel referenza ghal xi quotations ohra. Pero' jista jkun li Gauci hadem il-quotations ghaliex dawn kienu f'idejh. Jghid li wara xhur zgur li ma kienx ser jiftakar il-quotations li kien dahhal Chris Gauci. L-appellant jghid ukoll li waqt il-konfront dan Gauci deher konfuz ma kien jaf x'qed ighid. Jghid li Gauci deher konfuz u mistqosi ghaliex seta kien dan jghid li Bajada kien urtat ghaliex ma marx jahdem mieghu u ghalhekk forsi ried jghamillu l-hsara.

Mistoqsi x'jaghmel mas- socjeta' Di Natura ighid li huwa il- PA tas-sur Godfrey Formosa pero' jiehu hsieb progetti varji fil-kumpanija bhala fondi tal-Ewropa barra minn Malta. Mistoqsi allura jekk dak li ghamel ma Gauci ma jaqax verament taht ir-relm tax- xoghol tieghu iwiegeb li jekk l-imghallem tieghu jghidlu biex icempel lil xi hadd hu hekk jghamel.

**Godfrey Formosa** jghid li jaf lill-appellant peress li kien ghamel zmien jahdem maghhom u dan f'April 2012u dam maghhom ghal xi perijodu ta tlett snin. Mistoqsi jekk l-Ispettur Angelo Gafa kienx kemu fuq l-appellant ighid li le. Pero' spjega illi huwa kien ghaddej minn investigazzjoni ohra li kient deciza u kien offra xi dokumentazjoni lill-appellant

Spjega illi huwa kien qed jikkomunika u jinnegozja ma Chris Gauci tal Ikea u xi kumpanija ohra Vivendo pero' dak iz-zmien ma kienx ser jghamel il-progett ta installazzjoni ta panelli voltovoltajici. Pero' dehrlu li Chris Gauci imbaghad kien interessat u zamm laqgha mieghu gewwa l Malta Enterprise u hemmhekk iltaqghu ma l-appellant li dak iz-zmien kien jahdem ma Malta Enterprise u dan biex jitobuh estensjoni taz zmien biex jilhqu ighamlu l-orogrett. Ikkonferma li waqt din il-laqgha kien hemm hu l-appellant u Chris Gauci.

Issa wara din il-laqgha bhala employer ta' dan l-appellant kien tah struzzjoni sabiex jghamel follow up ma Chris Gauci tal-laqgha li kellhom ma l-Malta Enterprise kif fil-fatt ghamel u ma klijenti ohra taghhom fosthom Santa Lucia, Fino, Pace & Mercieca u Ta' Gabriel. Qal li meta kien mar flufficcju tal-Ikea, Hal Qormi sabiex jiltaqa' ma dan Chris Gauci dan kien tah il-quotations ta' Bajada New Energy, tah pjanti u layout kif kienu gejin u a bazi ta' dawn id-dokumenti tah offerta aktar vantaggjuza u wara ghamel wiccu u qallu "Tista' ttini kopja taghhom halli nara x'nista' ninnegozja u ingiblek prezz ahjar?" jghid li fil-fatt dan Gauci tah il-karti kollha, nizel isfel fejn ghandu is-showroom u hu stess ghamel l-photocopies fil-proprjeta' teighu stess. Ghalhekk din l-informazjoni li kellu kienet giet moghtija lilu stess minghand Chris Gauci. Ghalhekk stqarr li huwa kellu informazzjoni dwar il-quotation ta' Bajada New Energy li giet mghtoija lilu minn Chris Gauci.

Spjega li una volta ikollu l-prezz ikun f'posizzjoni ahjar li jinnegozja . Qal li l-quotation kient gia pubblika fuq is-sit tal-Malta Enterprise. Jigifieri l-informazjoni hija pubblika. Il-prezz finali li nnegozjaha ma Chris Gauci kien dejjem imnizzel bhala prezz.

Qal li huma jghamlu follow-ups u peress li kienu talbu extention hu flimkien ma Chris Gauci u dan biex jghamlu l-progett biex tkun tista' taghmel il-progett trid timporta pannelli minn barra biss biss ghandek tlett xhur sakemm jigi l-materjal. Ghalhekk ried ikun jaf fejn hu f'dan ir-rigward u biex jara kif ha jipprocedu bhala installazzjoni ghax kienu konfermati li kienu ser jghamlu l-progett.

Ikkonferma li kienu ser jahdmu fuq tlett progetti ghal-Chris Gauci u kien tkellem ma l-appellant dwarhom. Qal li bhala assistent tieghu kien icempel lill-klijenti kollha tieghu u ghalhekk irrepeta li l-informazzjoni ta' Chris Gauci kient gia f'idejhom ghliex kien hu stess li tahielhom u ghakhekk it-telefonata kient biss bhala follow up meta kien ser jibda il-progett .

Fuq domanda tad-difiza l-prosekuzzjoni esebiet l-fedina penali ta' Chris Gauci u minn esami ta l-isetss jirrizulta li hija wahda b'diversi reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha kollha konnessi man negozju.

Semghet lill-partijeti jittrataw il-kawza.

Ikkunsisdrat:

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

1. Li bejn il-perijodu ta l-1 ta April, 2009 u t-30 ta Marzu, 2012 l-appellant kien jahdem mal-Malta Enterprise fil-kapacita' tieghu ta' Senior Executive u dan taht kuntratt issa esebit fl-atti u markat bhala dok JS esebit a fol. 40.
2. Jidher li allegatament (ghalkemm fl-atti ma hemmx id-dokument original vide fol. 54) l-appellant kien ha xi gurament ta' segretezza nhar it-30 ta April 2009 u dan ai termini tal-artikolu 33 (a) tal-Kapitolu 325 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Waqt li l-appellant kien impjegat ma' Malta Enteprise huwa kien jiehu hsieb l-iprocessar tal-pagamenti pero' ma kienx ikun hu li jaghzel il-progetti.

4. Jidher li fit-2 ta Ottubru 2009, is-socjeta' Endstone Limited kif rapprezentata minn Chris Gauci kienet issottomettiet applikazzjoni flimkien ma' quotation mahruga minn Bajada New Energy.
5. Sussegwentemnt peremzz ta' ittra datata 5 ta' Marzu, 2012, is-socjeta' Endstone pprezentat tlett quotations ilkoll b'valur iccitat.
6. Jirrizulta li kemm l-appellant li dak iz-zmien kien ghadu jahdem il Malta Enterprise kif ukoll Chris Gacui kien jaf b'dawn it-tlett quotations.
7. L-appellant ma baqax impejgat mal-Malta Enterprise u beda impieg iehor ma Di Natura Limited u dan fl-10 ta' April, 2012[1] u dan fil-kapacita tieghu ta' Personal Assistant ma' Godfrey Formosa.
8. Illi is-socjeta' Di Natura Limtied kienet wahda mis-socjetajiet li kienet offriet quotation lil Chris Gauci fl-interess ta' Endstone Limtied.
9. Illi jumejn wara u cioe' fit-12 ta' April, l-appellant kien cempel lil Chris Gauci fuq talba ta' Godfrey Formosa sabeix ikellmu u jghamel follow-up tal-applikazzjoni li kellhom pendenti .

Dwar is-suespost ma jidhirx li hemm kontstatzzjoni u appuntu minn hawn il-quddiem dwar il-fatti jidher li hemm kontestazzjoni.

10. L-appellant ighid li huwa cempel lil Chris Gauci sabiex jghamel follow up fuq il-meeting li kien inzamm bejnu bejn Godrey Formosa u Chris Gauci gewwa Malta Entrprise fejn Chris Gauci kien wera ix-xewqa li jahdem mas-socjeta' Di Natura Limited u ghalhekk cempillu kif ghamel ma klijenti orha simili taghhom biex jivverifikaw l-iteress li kellhom.
11. Chris Gauci ighid li l-appellant cempillu u tah xi informazzjoni dwar il-quotations li kien hemm mal-Malta Enterprise u l-valur taghhom u hajru juza is-servizz ta' Di Natura Limtied.
12. L-appellant jichad li kien tah l-informzjoni u jghid li Chris Gauci gja kellu din l-informazzjoni dwar il-quotations f' idejh u dan ghaliex kien tahomlu qabel l-istess

[1] Vide fol 40 dok ETC

Chris Gauci u kienu tkellmu dwarhom waqt il-laqgha li kien hemm gewwa l - Malta Enterprise.

13. L-appellant ighid li ma kienx hemm skop li jtih dettalji dwar il-quotations ghaliex dawn kienu gia jinsabu f'idejn Gauci meta f'idjeh ma kienux specjalment meta kien gia telaq minn Malta Enterprise u d-dokumenti kienu ghadhom kollha ghand il-Malta Enterprise u ghalhekk dettalji dwar l-applikazjonijiet ma kellux aktar.

Dwar dan jidher li hemm qbil u cioe:

14. Chris Gauci irraporta lill-appellant lill-pulizija esekuttiva u cioe lill-ispettur Angelo Gafa u allega li in effetti dan l-appellant kien kixef sigriet professjonali li kien ha mal-Malta Enterprsie meta qallu informazzjoni dwar il-quotations li kien ipprezenta mal- applikazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-abbli difensur issoleva l-eccezzjoni li hemm zball fid-data indikata fl-akkuza u li ghaldaqstant tenut kont li x-xhieda tirreferi ghal jum sussegwenti, l-akkuzi kif dedotti ma jistghux jirrizultaw ppruvati peress li fid-data indikata fl-akkuza, l-imputat zgur li ma kkomettix dak addebitat lilu. Id-difiza issostni li l-identifikazzjoni taz-zmien huwa essenzjali sine qua non u dan sabiex l-imputat illum appellant ikun f'pozizzjoni idoneja beix jiddefendi lilu innifsu billi jibni d-difiza tieghu ghall-akkuzia moghtija fil-konfront tieghu. Jinghad l-ewwelnett illi l-imputazzjoni hija riproduzzjoni fidila tal-kwerela li d-difensur tal-kwerelanti indirizza lill-Pulizija pero' jinghad li fil-kwerela ma hemm indikat l-ebda zmien ta meta sehh dan l-alleat reat[2] . Pero' jigi rilevat li l-kwerela hija datata 26 ta' April 2012 u l-ispettur investigattiv spettur Angelo Gafa ha l-istqarrija tal-appellant xahrejn wara nhar it-12 ta' Gunju, 2012 fejn f'din l-istess stqarrija hemm referenza ghal din it-telefonata li allegatament saret fit-tieni gimgha[3] ta' April, 2012. Jirrizulta li l-ufficcjal investigattiv Angelo Gafa kien jaf meta saret din l-allegta telefonata u cioe' li saret fit-12 ta April, 2012 jew jum fil-qrib kif mistqarr

[2] Vide kwerela iffirmata minn Dr Katrina Borg Cardona eseita fl-atti a fol 102 markata bhala dok AG
[3] Fol. 34 lejn l-ahhar ta l-istqarrija.

minnu[4]. Anke fir-rapport li ghamel l-Ispettur Angelo Gafa' u prezentat fl-atti markat bhala ok AG 1 hemm indikat li t-telefonta saret fit-12 ta' Arpil 2012[5]. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-jum meta sehhet din it-telefonta ma hemmx dubbju li l-jum in kwisjtoni huwa it-12 ta April 2012. F'dan l-istadju pero' din il-Qorti m'hix ser tiddiskuti l-mertu tat-telefonata izda biss ic-cirkostanzi li jirrigwarda iz-zmien taghha u dan peress li minkejja li l-prosekuzzjoni kient taf li t-telefonta saret fit-12 ta' April 2012 ghogobha takkuza lill-imputat illum appellant bil-jum "*tat-23 ta' Gunju 2012 jew fil-jiem ta qabel*" Illi l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara is-sentenza nulla a bazi ta' dan in-nuqqas ta' informazzjoni jew ahjar informazzjoni dwar zmien skorett.

Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina**[6]:

"F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 360** tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

"'*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*'

"Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il- Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg**[7], intqal:

"'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E**[8]. li dahlet ukoll fl-origini tas-**subartikolu (2) tal-Artikolu 360,** introdott fl- 1911.

[4] Fix-xhieda teighu tal 25 ta Marzu 2015 fol. 96
[5] Dok AG1 fol.111.
[6] Moghtija fis-26 ta' Mejju 2004
[7] Moghtija fil-25 ta' Lulju 1994
[8] Vol.XXXIII.iv.758

Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (**Art.360(1**)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: '*La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore*' [9]. Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **<u>I1- Pulizija vs Noel Zarb Adami[10]</u>**)."

"U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg[11]</u>**:

"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.

"'.....

"'*Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.*"

---

[9] ara sentenza citata, pagna 761
[10] Moghtija fid19 ta' Gunju, 1989
[11] Moghtija fl-4 ta' Novembru 1994

"Is-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 360** tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri**[12] minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

*"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"*

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikat il-jum bi precisjoni, izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"jum" tar-reat izda ghaz-"zmien" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni meta tghid *"fit-23 ta' April 2012 jew fil-jiem ta' qabel"* li naturalment jigu kalkolati lura mid-data tac-citazzjoni (mit-23 ta' April 2012). Huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-jum preciz tat-telefonata l-appellant kien jaf ben tajjeb ghal liema telefonata kienet qed issir referenza fic-citazzjoni u dan stante li gie mistqosi dwarha fl-istqarrija li kien irrilaxja u fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni jew tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Konsegwentement it-talba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda.

Jibqa' ghalhekk li jigi diskuss it-tieni aggravju u cioe' li skond id-difiza l-ewwel Qorti ghamlet interpretazjoni zbaljata tal-ligi meta ghamlet interpretazjoi zbaljata u inkoreta taz-zewg artikoli tal-ligi u appuntu l-artikoli 33 u 38 tal-Kap 353 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 257 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra ir-reat ta' kxif ta' sigriet kif previst fl-**artikolu 257 tal-Kodici Kriminali** li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min, minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu, ikun sar id depositarju ta' sigriet li jkun gie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, hlief fil-kaijiet li fihom il-ligi tobbligah igharrafhom lill-awtorita pubblika jehel meta jinsab hati…."*

[12] Moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994

Illi minn esami ta din id-disposizjoni tal-ligi jirrizulta li is-suggett ta' dan ir-reat jista jkun 'kull persuna' kuntrarjament ghal dak li jiddisponi l-artikolu 133 tal-Kap 9 li japplika biss ghal min hu uffiċjal jew impjegat pubbliku'. Konsegwentement mhemmx dubbju li tali disposizjoni tal-ligi japplika ghall-appellant odjern.

Pero' l-prosekuzzjoni trid tipprova dversi elementi sabiex dak li jkun jista' jinsab hati ta' dan ir-reat. Fl-ewwel lok trid tipprova li l-imputat illun appellant sar depositarju ta' sigriet minhabba il-kariga tieghu u li hu kixef dan is-sigriet u dan f'cirostanzi fejn il-ligi ma obbligatux igharraf lil xi awtorita' pubblika.

Konsegwentement kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni trid tipptova:

1. Li l-appellant sar depositarju ta' sigriet.
2. Li s-sigriet gie fdat lilu minhabba l-kariga tieghu f'dan il-kaz ta' senior executive mal-Malta Enterprise u
3. Li l-appellant kixef dan is-sigriet lil terz li ma kienx jaf bih.

Jinghad li l-proskeuzzjoni trid tipprova it-tlett elementi f'daqqa u jekk wiehed minnhom ikun nieqes ifisser li ma pprovatx ir-reat.

Il-prosekuzzjoni tramite x-xhud taghha Simon Caruana li xehed in rappresentanza tal-Human Resources tal-Malta Enterprise tallega li f'dan il-kaz l-appellant kien applika biex jahdem mal-Malta Enterprise u beda' l-impieg tieghu fl-1 ta' April 2009 fil-kapacita' tieghu ta' Senior Executive[13]. Li huwa kien responsabbli ghal-iprocessar ta' applikazzjonijiet u talbiet relatati ma ERDF aid taht '*l-Opertional Programme Vohesion Policy 2007 – 2013 particularly in relation to projects and initiatives related to energy and research and development'*. L-istess xhud allega li l-appellant kien ha gurament ta' kunfidenzjalita' nhar it-30 ta April 2009[14] fejn allegatament kien ikkonferma bil-gurament li ser iqis u jittratta kull dokument u informazzjoni dwar hwejjeg mahsubin fi jew taht id-disposizjoaijeit ta' dan l-istess Att bhala li huma sigrieti u kundifenzjali. Illi l-gurmaent li allegatament ha kien a tenur ta l-artikolu 33 tal-Kap 525 tal-Ligijiet ta' Malta.

[13] Fol.507
[14] Fol. 54

Illi jigi rilevat li l-prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar prova u ghandu jigi prezentat prova sekondarja biss f'dawk ic-cirkostanzi meta l-ahjar prova ma tkunx tista' tigi hekk prodotta. F'dan il-kaz jinghad b'dispjacir li l-prosekuzzjoni pprezentat fotokopja ta' dokument allegatament guramentat, allegatament datat 30 ta' April 2009. Issa dan id-dokument ghandu diversi nuqqasijete. Fl-ewwwel lok il-ligi fl-artikolu 33 tal kap 325 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi li dan il-gurament ghandu jinkiteb fuq formula preskritta mill-ligi (u mhux fuq letterhead fotokopja tal- Malta Enterprise). Jinghad ukoll li l-ligi tesigi li dan il-gurament ghandu jigi depozitat ghand l-Avukat Generali u ghalhekk kopja ufficcjali ta' dan id-dokument seta' gie presentat biss una volta jkun hemm rikejsta ghand l-ufficcju tal-Avukat Generali sabiex dan id-dokument jigi hekk esebit. In oltre jinghad ukoll li dan id-dokument jikkonsisti biss f'dikarazzjoni fuq letter head li hija fotokopja. Jinghad li dan qatt ma gie konfermat la fil-kotenut tieghu minn min ghamlu u lanqas ma tressaq il-persuna li kien iffirma bhala xhud ta' firma bhala Commissioner of Oaths. Il-proskeuzzjoni ma ressqet lil hadd mill-ufficcju tal-Avukat Generali sabiex jikkonferma l-awtentitcita ta' dan id-dokument. Ghalhekk din il-prova imressqa mill-pulizija ma tilhaqx il-livell rikjest fil-ligi penali. Jidher biss fl-istarrija li kien irrilaxja l-appellant li huwa kien gie muri dokument bhal dan izda ma jirrizutlax li kien l- istess dokument esebit a fol. 54 u kien gharaf il-firma tieghu fuqha. Pero' bejn dak id-document li gie muri lilu waqt l- interrogazjoni u d-document esebit fl-atti ma hemmx nexus.

Pero' apparti dan, il-prosekuzzjoni kellha obbligi ohra u cioe' kellha tipprova li in effetti l-appellant sar depositarju ta' sigriet. Jinghad bla tlaqliq li hawnhekk ukoll il-prosekuzzjoni ma pprovatx il- kaz taghha sal grad rikejst mill-ligi u dan qed jinghad ghaliex ma pprovatx x'kien is-sigriet li gie talvota depozitat mal-appellant.

Mhemmx dubbju li gie provat li l-appellant ghamel zmien jahdem mal-Malta Enterprise u meta kien qed jahdem hemm kien qed jircievi xi quotations ghal xi skemi dwar fondi tal- Unjoni Ewropeja. Gie pprovat li in effetti waqt li kien qed jahdem mal Mata Enterprise kien ircieva tlett quotations minghand socjeta' tal-Vivendo Group tramite ir-rapprezentant taghha Chris Gauci. Jirrizulta ukoll li mal-applikazzjoni ta' Gauci kien hemm tlett quotations u li dawn gew f'idejn l-appellant ghalkemm x'kienu dawn il-quotations u x'valuri kellhom lanqas ma jirrizulta mill-process ghaliex dawn

ma gewx esebiti. Jirrizutla ukoll li wara li beda' jsir l-ipprocessar ta' din l-applikazjoni Chris Gauci kien attenda ghal-laqgha flimkien ma Christian Mallia u l-appellant fejn iddiskutew xi estensjoni tal- iskema u hemmhekk gew diskussi wkoll il-quotations fil-presenza tat-tlieta li huma. Ghalhekk dak li kien ipprezenta Gauci mal-applikazzjoni tieghu ma kienitx xi informazzjoni jew sigriet li kien jaf hu biss u dan ghaliex Gauci kien jaf il-kontenut tal-applikazzjoni u quotations li kien ghadda lil Malta Enterprise. Apparti Gauci kien jaf ukoll Godfrey Formosa kif ukoll Christian Mallia zgur.

Ghalhekk minkejja li huwa minnu li l-informazzjoni li kellu l-appellant dwar it-tlett quotations imdahhla ma l-ittra tal-5 ta' Marzu, 2012 li kienet giet prezentata mis-socjeta' Endtone limited (bhala parti mill Vivendo Group) kienet giet ghandu minhabba l impieg tieghu u cioe ghaliex kien senior executive mal- Malta Enterprise, l-proskeuzzjoni ma indikatx x'kien is-sigriet li l-appellant suppost kixef. Din il-Qorti qed tassumi li is-sigriet kien jikkonsisti fit-tgharif tal- quotations li kienu annessi ma l-ittra gja indikata. Jinghad ghalhekk li l-informazzjoni li giet moghtija lill-appellant kienet wahda *'in his line of business'* u cioe' dik li kul applikant kien qed jissottometti u ma kienitx xi informazzjoni sigrieta fis-sens li kienet qed tigi fdata lilu taht xi sigriet professjonali specifiku.

Illi ghalhekk l prosekuzzjoni kellha tipprova ukoll li in effetti l- informazzjoni li kienet inghatat lill-appellant qabel ma beda l- impieg tieghu mas-socjeta' Di Natura Limited ma kienttx inghatat lil hadd aktar u li in effetti l-appellant stqarr din l-informazzjoni lil xi terza persuna jigifieri lil xi persuna ohra. Dan qed jinghad ghaliex Chris Gauci kien gja jaf l- kotnenut ta' dawn il-quotations ghaliex kien hu stess li pprezenthon u ghalhekk biex ikun hemm kxif ta sigriet hu imperattiv li ikun hemm terza persuna kif stqarret id- difiza fir-rikors tal- appell taghha.

Jinghad illi Chris Gauci ighid li l-appellant kien cempillu wara li kien spicca mix-xoghol li kellu ma Malta Enterprise biex jghidlu sabiex jghazel il-quotation ta' Di Natura u li in effetti kien qed jahdem maghha. Jigi rilevat li dan id-diskors l-appellant jichdu u jghid li huwa minu li kien cempel lill-appellant u huwa minnu li qallu li kien telaq minn ma Malta Enterprise pero' jichad u dan b'mod katergoriku a tempo vergine tal- investigazzjoni li kien tah xi informazzjoni dwar il-quotations li kien ppresenta hu stess. Ghalhekk in realta' anke kieku din il-Qorti kellha tkun konvinta li l-appellant

verament ghamel xi referenza ghall-informazzjoni li kien hemm mal-applikazzjoni xorta tali referenza kellha tkum lejn persuna ohra mhux dik ta' Chris Gauci. Dan qed jinghad ghaliex jekk verament l-appellant tkellem ma Chris Gacui fuq il- materja wara li kien spicca minn mal-Malta Enterprise ghalkemm forsi ma kienitx xi kwisjtoni etikament korretta zgur li ma hemm l-ebda kxif ta' sigriet u dan ghaliex l-appellant ma kien zvela xejn gdid lil Gauci f'dak il-kaz ikun qed ighidlu dak li kien gja jaf dwaru.

Din il-Qorti tara daqxejn stramba l-ghala dan Chris Gauci hass il-htiega li jirraporta lill-appellant meta kien jaf li dak kollu li semmai setgha qallu l-apellant huwa kien gja jafu antecedentement ghaliex kien hu stess li pprovda tali informazzjoni. Jinghad ukoll li ma kienx hemm lok li Gauci ihossu sorpriz ghaliex cempillu l-appellant sabiex isegwi applikazzjoni tas- socjeta' Di Natura meta in effetti beda kien gja beda l- impieg tieghu ma din l-istess socjeta' u in oltre meta kien gja jaf li l-appellant kien ippartecipa f'laqgha mieghu stess fejn kienu tkellmu u ddisktuew il-quotations flimkien. Kosnegwentement, minn din l-allegata telefonata din il-Qorti ma tistax tara xhiex esatament sar jaf dan Gauci tramite l-ufficcju li kellu l-appellant li ma kienx jaf qabel u li tikkoncerna terzi persuni.

Konsegwentement din il-Qorti hija tal fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u a bazi tal-provi prodotti ma thossx li din il-Qorti tista' ssib htija fil-konfront tal-appellant odjern u konsegwentement qieghda tilqa' l-apell tal-appellant u tirrevoka is -sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur